**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

**30 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2023 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joeline Attard - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Malcolm Gatt - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 66 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **66.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl ta' appoloġija tas-Sur Malcolm Gatt. |
| **66.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 65.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 65, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar . |
| **66.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 66.03.01 | Is-Sindku is-Sur Clive Pulis ikkomunika mal-kunsilliera preżenti imejl mibgħuta mis-Sur Svetlick Flores datata 15 ta' Jannar dwar proġetti fil-komunitajiet 2024.<br><br>Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din il-proposta tal-kunsill sabiex isiru sistema ta' diversi cctv cameras f'dawn it-toroq imsemmija hawn taħt.<br><br>Pjazza George Mitrovich<br>Din il-kamera hija ta' bżonn sabiex jitnaqqas l-abbużżi u irregolaritajiet ta' parkeġġi.<br><br>Triq il-Ħabs l-antik<br>Din il-kamera hija bżonn sabiex tiġi sorveljata dik iż-żona minħabba vandaliżmu fuq proġġett ġdid.<br><br>Fuq il-Forti San Mikiel<br>dawn il-kameras ser ikunu utli sabiex tiġi sorveljata din iż-żona ġdida żona ta' spazju miftuħ minn vandaliżmu, kemm għat-turisiti, kif ukoll għar-residenti.<br><br>Il-Grawnd tal-futbol u l-parkeġġ ta' quddiem il-grawnd<br>Dawn il-kameras għandhom iservu bħala sorveljanza minn vandalizmu, skart illegali u irregolaritajiet ta' parkeġġ.<br><br>Triq it-Tarzna<br>L-użu għal din il-kamera ser tkun sabiex tiġi ikkontrolat l-abbuż ta' skart u vandaliżmu fuq l-opri tal-baħħar u kontrol ta' abbuż ta' serq. |
| 66.03.02 | Is-Sindku indirizza imejl lill-kunsilliera preżenti li rċieva minn għand il-Fondazzjoni Kottonera dwar il-proċess tal-applikazzjoni tal-arblu fuq il-bejt tal-uffiċċini tagħhom fi Triq il-Vitorja. |

| | |
|---|---|
| 66.03.03 | Is-Sindku preżenta pjanta tal-Forti San Mikiel, fejn spjega li l-kunsill għandu devolut l-arloġġ tal-Forti San Mikiel u l-kmamar, għalhekk il-kunsill ser japplika għal-art li hemm madwar il-forti biex jiġi devolut lil kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li s-Sinj. Michelle Scerri bagħtet imejl sabiex jiġi aġġornat il-kirjiet li għandu l-kunsill tal-Isla. |
| 66.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera li kien hemm talba mis-sede azzjoni kattolika sabiex il-kunsill jikkollabora fid-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-kunsilliera preżenti qablu sabiex issir il-ħlas ta' din il-kollaborazzjoni u tiġi ordnata il-figolla kbira għal żmien il-Għid parti mill-attivitajiet tal-Għid il-Kbira. Il-Kunsill ser jikkollabora wkoll sabiex jinħareġ fuljett tal-wirjiet li ser ikunu mqassma mal-lokalita' tal-Isla. Isaac Mizzi ser juża l-kamra ta' quddiem tal-librerija sabiex issir wirja tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. |
| 66.03.05 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li ser jerġa jibgħat *reminder* lil Onor. Ministru Dr. Owen Bonnici dwar il-ġebel li qed jaqa' f' Boiler Wharf minn naħa tad-dockyard. |
| 66.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li sar il-kuntratt tal-AIS biex jiġi iffirmat u l-kunsill talab il-garanzija ta' din it-tender, sabiex jibda ix-xogħol tal-bollard biex jingħalaq ix-xatt fil-weekends fis-Sajf kif kien mifthiem is-sena l-oħra. |
| 66.03.07 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar fashion show sabiex titella' fuq il-Forti San Mikiel bejn il-25 u id-29 t' April 2024. Il-Kunsill ser jibagħat imejl lil MTA għal-għajnuna finanzjarja sabiex il-kunsill ma joħroġ l-ebda tip ta' spejjeż għall din il-Fashion Show. Il-Kunsilliera qablu ma din l-isfilata. |
| 66.03.08 | Is-sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar talba minn għand is-Sinj.Clair Henwood biex tagħmel tabella żgħira ma siġra fil-Gardjola bħala tifkira ta' missierha li kien Sindku bejn is-sena . Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| 66.03.09 | Is-Sindku, s-Sur Clive Pulis iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar l-isem tal-Belt tal-Isla sabiex jerġa jiġi fuq id-dokumenti tal-gvern l-isem li hu propoju Senglea għaliex l-Isla huwa l-laqam tal-Belt Senglea. Dan hemm studju u riċerka fuqu flimkien mal-Paroċċa Marija Bambina sabiex meta jiġi preżentat dan ir-referendum ikun hemm bażi soda ta' dan l-isem. Il-Kunsilliera qablu li jekk ikun hemm dan l-istudju u din ir-riċerka jaqblu li għandhom immexxu sabiex l-isem ta' din il-Belt Storika jiġi Senglea kif kien minn dejjem. |
| 66.03.10 | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għal din is-sena mhux ser ikun hemm żmien biżżejjed sabiex tiġi organizzata xi attività tal-Karnival ġewwa l- |

| | |
|---|---|
| | lokalita tal-Isla għaliex din is-sena il-festi ħabtu kollha f'xulxin għalhekk għall-karnival din is-sena mhux ser issiru attivitajiet. |
| 66.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu mal-kap tal-iskola primarja is-Sinj. Anna Napier sabiex il-kunsill jippromwovi l-frott għal-ġurnata tal-isport fit-8 t' April 2024. |
| 66.03.12 | Is-sindku informa l-kunsilliera li ser jagħmel permess tal-gaming sabiex meta jsiru l-attivitajiet bit-tombla l-kunsill ikollu l-permessi meħtieġa. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma dan il-permess. |
| 66.03.13 | Is-sindku informa l-kunsilliera li l-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar qed tieħu ħsieb il-Code week bħal kull sena mal-kap tal-iskola primarja tal-Isla sabiex issiru dawn il-korsijiet ta' IT. |
| 66.03.14 | Is-sindku iddiskuta flimkien mal-kunsilliera sabiex waqt il-ġurnata ta' ċelebrazzjonijiet fit-30 t' April jistiednu lil Ivan Grech tal-Winter Moods. Il-kunsilliera preżenti qablu ma din l-istedina. |
| 66.03.15 | Is-Sindku spjega lil kunsilliera ix-xogħol li ser issir fil-jiem li ġejjien mill-GHRC sabiex jingħata t-tarmac minn fejn il-gym sa fejn il-knisja tal-Vitorja, il-kuntrattur Schembri Bros għadhom qed jistennew il-permess mit-Transport Malta. Is-Sindku spjega li ser issiru bankini ġodda fi Triq 31 ta' Marzu u wiċċ tat-tarmac ġdid. Kif ukoll wiċċ ta' tarmac ġdid u bankini ġodda fi Triq Panzavecchia minn fejn l-ewwel fanal sa fejn jispiċċa l-pavimentar. |
| 66.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat mal-kunsilliera preżenti l-insurance tal-kunsill fejn spjegat li żiedet fl-assikurazzjoni il-lap tops, il-Vr's , il-kċina, it-televisions, defilibrilator u c-chairlift li inxtraw mill-fondi tan-Norveġja ( Small Grants Scheme – Norway Grants ). Kif ukoll infurmat lil kunsilliera li assigurat ukoll il-flus kontanti. Il-kunsilliera preżenti approvaw dawn l-assikurazzjonijiet. |
| 66.03.17 | Is-Sindku preżenta in-nominazzjoni tal-board għal-Jum L-Isla għal-din is-sena 2024 fejn ser ikun kif ġej:<br>Is-Sur Fabian Mangion, is-Sur John Portelli, is-Sinj. Il-Perit Fleur Ebejer, is-Sur Joe Scerri u s-Sur Adrian Falzon. Is-sindku talab għall-approvazjoni tal-kunsilliera preżenti biex jekk ikun hemm qbil jinħareġ l-avviż fuq il-paġna ta' FB tal-Kunsill tal-Isla u fuq in-norice boards sabiex mill-4 ta' Marzu 2024 jibdew jinġabru l-formoli u linji gwidi sa mhux aktar tard mit-Tnejn 8 t' April 2024 sal-4.00pm. Wara li jingħalqu in-nomini il-board jiltaqa' fil-librerija tal-Isla, l-Erbgħa 10 t' April 2024 fis-6.00pm. |
| 66.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-kuntratt ta' The Note Book Centre sabiex jerġa jiġi approvat għas-sena 2024 biex ir-residenti tal-Isla |

| | |
|---|---|
| | igawdu minn dan is-servizz ta' *backup, formatting, ġeneral Service, physical cleaning, antivirus software* u *virus removal*. Ill-Kunsilliera preżenti qablu ma dan il-kuntratt. |
| **66.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 66.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Corinne Buhagiar nixtieq insaqsi dawn il-mistoqsijiet wara laqgħa li kelli ma Ms. Napier u Ms. Josette:<br><br>• Fis-17 t' April 2024 l-iskola primarja ser jagħmlu sports day, jistgħu jużaw il-ground tal-futbol u l-kunsill jista joffri frott u ilma ?<br><br>Is-Sinkdu flimkien mal-kunsilliera ma jsibu l-ebda oġġezzjoni<br><br>• Bejn it-8 t' April u 19 t' April ser issir book week fejn ser ikun hem sezzjonijiet ta' qari jekk ma jkunx maltemp jistgħu jużaw il-grawnd tal-futbol, u jekk ikun il-maltemp jistgħu jużaw il-librerija ?<br><br>Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni biex jużaw il-grawnd tal-futbol u jekk il-canopy tal-crafts tkun lesta jistgħu jużaw ukoll il-librerija.<br><br>• Nista nissuġġerixi lis-Sinj. Isabelle Warringto, lis-Sur Fabian Mangion u lis-Sur Ivan Grech sabiex ikunu parti mis-sezzjoni tal-qari.<br><br>Is-Sinkdu flimkien mal-kunsilliera ma jsibu l-ebda oġġezzjon.<br><br>• Fit-30 t' April 2024 l-iskola Primarja ser jorganiżżaw Celebration Day, nistgħu nagħmlu kuntatt ma Ivan Grech, Francesca Agius u Shenise Ghirxi sabiex ikunu parti mill-kunċert ?<br><br>Is-Sinkdu jabel ma dawn is-suġġerimenti.<br><br>• Ġie diskuss li l-Code Week ser issiru fit 18 u l-25 t' Ottubru 2024, jista s-sindku jikkonfeerma?<br><br>Is-Sindku ikkonferma dawn id-dati. |

| | |
|---|---|
| | • Nista nagħmel kuntant mal-E Skills Foundation biex niddiskuti jekk jistgħux jagħmlu sezzjoni b'xejn għal-adulti fuq 3D printing fejn issir fl-iskola primarja?<br><br>Is-sindku ikkonferma li tista tmexxi. |
| 66.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Corinne Buhagiar nixtieq insaqsi jekk jistgħux issiru hoodies għall-grupp tal-crafts ?<br><br>Is-segretarju rispondiet sabiex tiġbor kwotazzjonijiet u jmexxu min hemm. |
| **66.5** | **Rapporti** |
| 66.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Diċembru 2023 u l-petty cash ta' Diċembru 2023 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **66.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 66.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 1/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **66.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 66.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' Frar 2024 fl-4:30p.m għal-laqgħa tal-kunsill. |

Konfermati, illum 29 ta' Frar 2024

IFFIRMATA____________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA____________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv